**Kunsill Lokali Il-Gżira**
283/1 Triq D'Argens, Il-Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg6/A17-13

27 ta’ Ġunju 2013

**Avviż tal-Laqgħa Nru Klg6/17**

Ser issir laqgħa tal-Kunsill, nhar **it-Tlieta 2 ta’ Lulju 2013 fil-5.30 p.m.** fl-uffiċċju tiegħu, 283/1 Triq D'Argens, Il-Gzira.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Materji Konnessi
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni ta’ Skeda ta’ Ħlasijiet
5. Diskussjoni u Approvazzjoni ta’ *leasing* ta’ *photocopier*
6. Proposta Attivitajiet Kulturali
7. Proposta Bdil ta’ Dawl fil-Ġnien Kunsill ta’ l-Ewropa (UIF)
8. Approvazzjoni ta’ *Doggy Bins* u *Mobile Toilets*
9. Diskussjoni dwar *extension* ta’ *culvert* fi Triq Emanuele Giordano
10. Affarijiet Oħra
11. Laqgħa Oħra

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skont il-líġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

Roberto Cristiano
Sindku

Hugh Zammit
Aġent Segretarju Eżekuttiv

**7 t' Awwissu 2013**

**Seduta Nru: 17 - KUNSILL LOKALI GŻIRA**

Minuti tal-laqgħa li saret it-Tlieta 2 ta' Lulju 2013 fil-5.30 p.m. fl-Uffiċċju Amministrativ tal-Kunsill Lokali.

**Preżenti:**

**Is-Sinjuri:**

Roberto Cristiano – Sindku, l-Kunsillieri Vincenza Attard, Charles Micallef St. John, Joseph M. Muscat u Victor Rutter flimkien ma' l-A/Segretarju Eżekuttiv Hugh Zammit u d-D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco.

**Skużati:**

Il-Viċi-Sindku Joe Galea u l-Kunsillier Joe Camilleri minħabba raġunijiet ta' saħħa.

***Chairman***

Is-Sindku Roberto Cristiano ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fis-27 ta' Ġunju 2013

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

**1 APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Numru 17 ttieħdu bħala moqrija u ċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

Iċ-*Chairman* qal, li f'paġna Nru: 5 para 3.7 it-tieni paragrafu irid jinqara,

'Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament li kemm Triq Giancint Tua kif ukoll Triq Wied il-Kappara jerggħu jiġu restitwiti għal kif kienu oriġinarjament jiġifieri dawn it-toroq jiġu *one way* barra l-*coaches'*.

It-tielet paragrafu wara l-kelma 'Reġjun' trid tiżdied il-frażi, 'Dwar dan is-suġġett ġie rrakkomandat li ssir konsultazzjoni mat-*Transport Malta*.

Paġna Nru: 2 para 8 (laqgħa kontinwazzjoni) il-ħames paragrafu wara l-kliem 'responsabbilta tar-Reġjun' trid tkompli l-frażi 'L-Kunsill qabel ma' dak li qal il-Kunsillier Joe Camilleri u qabel ukoll, li x-xogħlijiet jibqgħu jsiru mill-kuntrattur tal-Kunsill iżda l-kontijiet jiġu koperti mill-Kumitat tar-Reġjun'.

L-emendi ġew ssekondati mill-Kunsillier Charles Micallef St John filwaqt li l-minuti kif emendati ġew approvati unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Victor Rutter.

## 2. Materji Konnessi

### 2.1 Paġna Nru: 2 para 7.1 *GLCT002/2013 – Pavements & Kerbs*

Il-Kunsill ġie nfurmat, li kien sar *co-ordination meeting* bejn il-Kunsill u l-entitajiet konċernati fejn kien preżenti wkoll l-Perit tal-Kunsill. Matul id-diskussjoni ġie deċiż li x-xogħlijiet jibdew minn Triq Belvedere (minn Rue D'Agens sa Pjazza Meme' Scicluna) u wara ssir Triq San Albert (*lower*) liema xogħlijiet ser jibdew l-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013.

Minħabba li xi toroq tal-lokalita' jagħmlu parti mit-*tourist zone*; bejn l-15 ta' Ġunju u t-30 ta' Settembru 2013 ikun hemm *break time* minn xogħlijiet ta' twaqqiegħ u tħammil u għalhekk wara Triq San Albert ix-xogħlijiet ser jiefqu u jitkomplew wara Settembru 2013.

Ir-residenti tat-toroq konċernati ser ikunu nfurmati b'dawn ix-xogħlijiet.

**2.2 Paġna Nru: 3 para 2.1** – Iċ-*Chairman* qal, li kien ivverifika u kkonferma li skont il-minuti 2008/2009 ma kienu saru ebda donazzjonijiet la mill-*BOV* u lanqas mid-ditta *GasanMamo Insurance*. Maż-żmien ma kienux saru aktar kuntatti u għaldaqstant dawn il-pitturi kienu imbiegħu lit-terzi persuni.

Kopja tal-minuti hawn fuq msemmija kellha tingħata lill-Kunsillier Victor Rutter.

**2.3 Paġna Nru: 3 para 2.2 –** Il-Kunsillier J.M. Muscat qal, li kien ikkuntattja darbtejn lill-Ispettur Jason Sultana u anke għamel rapport l-Għassa tal-Pulizija tal-Gżira dwar l-istorbju li kien qed isir fi Pjazza Meme Scicluna

Wara diskussjoni qasira, ċ-*Chairman* qal, li jekk din is-sitwazzjoni tirrepeti ruħa, l-Kunsillier għandu jinfurmah biex hu jagħmel kuntatt ma' l-iSpettur konċernat sabiex tintbagħat il-*mobile squad* minnufiħ.

**2.4 Paġna Nru: 5 para 3.6 –** Dwar l-inċident li kien sar fil-Ġnien il-Kunsill qabel unanimament li l-*outdoor gym* għandu jitressaq ħdejn l-arkati u għalhekk kellu jsir kuntatt mal-kuntrattur biex dan ix-xogħol isir mill-aktar fis.

Iċ-*Chairman* informa li kien iltaqa' mal-Perit tal-Kunsill dwar xi tibdil li għandu jsir fil-Ġnien mill-fondi tal-*U.I.F.* Huwa kompla jgħid li kien iltaqa' maċ-*Chairman* tat-*Transport Malta* fejn ġie nfurmat li kien ser isir *upgrading* fl-*area* tal-marina mit-*Transport Malta*. Għaldaqstant, huwa kien talab lill-Perit biex iwaqqaf l-applikazzjoni għal dawn ix-xogħlijiet.

## 3. Korrispondenza

Ġiet ppreżentata l-korrispondenza li kienet waslet sat- 2 ta' Lulju 2013, kif ukoll ingħatat informazzjoni ta' laqgħat u stedin li l-Kunsill għandu għall-ġranet li ġejjin.

**3.1** Iċ-*Chairman* qara l-korrispondenza li rċevejna u dik li ntbagħtet fosthom

**3.2** Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Ministru għat-trasport u l-Infrastruttura l-Onor Joe Mizzi li kemm il-problemi u s-suġġerimenti li tressqu waqt il-laqgħa li kellu mal-Kunsill kienu qed jiġu kkunsidrati.

**3.3** Il-Kunsill ġie nfurmat li fil-25 ta' Lulju 2013 fis-6.30 p.m. fuq il-*promenade* qabel il-*Manoel Island bridge*, ix-Xatt,. għandha ssir laqgħa pubblika ta' kunsultazzjoni – Ningħaqdu Kontra l-Faqar - mill-Onor Ministru tal-Familja.

**3.4** Il-Kunsill ġie nfurmat li fuq inizjattiva ta' l-Onor Joe Mizzi kien ser jibda jsir *power washing* tal-*promenade* fix-Xatt kull nhar ta' Ħamis fis-02.00 a.m. F'*e-mail* li bagħat il-Viċi-Sindku kien ssuġġerixxa li jekk kien possibbli jinħasel ukoll taħt l-arkati tal-*Housing Estate*.

Wara diskussjoni qasira, ċ-*Chairman* qal li kien ser jagħmel kuntatt mal-kuntrattur tal-kenniesa sabiex din iż-żona (*Housing Estate*) tibda tinkines regolarment u dan minħabba l-fatt li l-Kunsillier Charles Micallef St. John kien ressaq xi lmenti dwar in-nuqqas ta' tindif f'dan il-post. Huwa kompla jgħid fl-opinjoni tiegħu jinħtieġ aktar dawl.

Il-Kunsill qabel ma' dak li qal iċ-*Chairman*.

Iċ-*Chairman* qal li kienet saret laqgħa maż-żewġ kuntratturi tal-knis u tal-ġbir ta' l-iskart dwar il-problema tat-tindif fil-lokalita'. Huwa kompla jgħid li kien qed jitfassal it-*tender* il-ġdid tal-ġbir ta' skart domestiku u jekk tinħass il-ħtieġa, l-iskart jibda jinġabar kuljum inkluż il-Ħadd, iżda din il-materja kienet ser tiġi diskussa aktar fid-dettal minħabba l-fatt li kienet ser tinvolvi aktar spejjeż għall-

Kunsill. L-Kunsill għandu jikkunsidra wkoll l-ġbir ta' l-iskart filgħaxija u dan minħabba l-problema tat-traffiku.

**3.5** Tressaq rapport mill-Perit Mario Formosa dwar kostruzzjoni ħażina meta inbniet it-Triq Antonio Sammut b'konsegwenza tal-fatt li l-kuntrattur daħal fi spiża ta' €7,457.00 għal-*stabilising works.*

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill ddeċieda unanimament li din il-korrispondenza għandha tintbagħat lit-*Transport Malta* u dan minħabba li din it-triq saret qabel il-Kunsilli Lokali u l-Kunsill huwa responsabbli biss mill-manutenzjoni tat-triq u mhux tal-kostruzzjoni.

**3.6** Iċ-*Chairman* ressaq suġġeriment għan-nom tal-Viċi-Sindku dwar il-possibilta għat-trasport pubbliku kemm għall-Mater Dei kif ukoll għas-suq ta' Birkirkara.
Għaldaqstant ġie deċiż li l-Kunsill għandu jikteb lill-*Arriva*.

**3.7** Il-Kunsill ġie nfurmat li d-ditta *Vodafone* kienet ser tagħmel xi xogħlijiet ta' trinek biex tgħaddi *fibre optic cable* minn Triq Bouverie sa Triq ix-Xatt. Minħabba l-fatt li dan il-*cable* jrid jgħaddi mill-*water culverts* din id-ditta offriet a spejjeż tagħha li tagħmel it-tindif tal-*culverts*.

**3.8** Inqrat *Memo 11/2013* – Ħlas ta' Taxxa u tal-Bolla tas-Sigurta' Soċjali.

**3.9** Dwar korrispondenza mibgħuta mill-*BOV,* talba *E-Commerce Facilities – E Forms*, wara diskussjoni qasira l-Kunsill qabel li ma jsib ebda oġġezzjoni.

**3.10** Il-Kunsill m'approvax it-talba li saret minn entita kummerċjali li titwaħħal tabella li tindika d-direzzjoni ta' l-istabbiliment tiegħu.

**3.11** Iċ-*Chairman* informa li l-proġġett tal-programm – *Youth In Action* (kontra l-obeżita') kien ġie approvat u l-attivitajiet għandhom jibdew fix-xahar ta' Settembru 2013.

**3.12** Iċ-*Chairman* qal li kopja tal-korrispondenza kienet disponibbli.

## 4. Approvazzjoni ta' Skeda ta' Ħlasijiet

Tressqet l-iskeda tal-Ħlasijiet Klg6/16 minn numru 722 sa 789 (ara *appendix* nru: 1) għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

Il-Kunsill ġie nfurmat li *request sheet* nru: 789 ġiet kanċellata.

Il-Kunsill approva unanimament l-iskeda sopracitata b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier J.M. Muscat.

**5. Diskussjoni u Approvazzjoni ta' *leasing* ta' *photocopier***

**5.1** Tressqu żewġ kwotazzjonijiet dwar is-suġġett sopracitat liema kwotazzjonijiet inħadmu abażi ta' ħames snin li huwa t-terminu tal-*lease agreement* li kienu:

**Image Systems**
*leasing* ta' żewġ *photocopiers* inkluż il-kopji B/W iżda teskludi t-*toner eco contribution* = €6,630 VAT inkluża

**Alfa**
*Leasing* ta' żewġ *photocopiers* inkluż il-kopji iżda teskludi t-*toner eco contribution* = €9,735 VAT inkluża

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Joseph M. Muscat li jirrikorri għad-ditta *Image Systems*

**6. Proposta Attivitajiet Kulturali**

**6.1** Iċ-*Chairman* informa li kienet saret laqgħa mal-kumitat tal-Każin tal-*Banda Mount Carmel Gżira* u ntlaħaq ftehim li ssir attivita' kulturali fl-aħħar Sibt t'Awwissu 2013. Għal din l-attivita' ser jitella kunċert mill-istess banda li ddoqq mużika ta' ġeneru *pop* u ser jieħdu sehem ukoll żewġ kantanti rinomati. Għal din l-attivita' ser jintrama palk fi Triq Sir Patrick Stuart pero' dan mhux ser jiżgombra Triq ir-Rebħa. Kunċert ieħor ser isir fiż-żmien il-Milied mill-istess banda. L-ammont għal dawn iż-żewġ kunċerti ser ikun ta' €3,000.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Vincenza Attard kemm ma' l-attivitajiet kif ukoll man-nefqa sopracitata.

Bħala għajnuna lill-Għaqdiet tal-lokalita' dawn kienu ser jarmaw *bar* bi qliegħ għalihom pero' din il-materja ser tiġi diskussa fid-dttal aktar 'l quddiem.

Iċ-*Chairman* informa li kien ser jagħmel kuntatt mal-Ministeru tal-Kultura għall-għajnuna finanzjara.

**7. Proposta ta' Bdil ta' dawl fil-Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa (UIF)**

**7.1** Iċ-*Chairman* informa li fil-Ġnien hemm problema serja tad-dawl minħabba vandaliżmu li jsir fl-istess ġnien. Hu kompla jgħid li l-globi riedu jinbidlu minħabba li dawn kienu qed jirriflettu l-fuq u mhux l-isfel u kien qed jipproponi li d-dawl kollu jinbidel għal *energy saving* u b'hekk il-Kunsill jiffranka 30% mill-ispiża tad-dawl u li f'xi bnadi mill-gnien id-dawl għandu jiżdied għall-70 watts

Huwa qal ukoll, li l-ispejjeż għal dan ix-xogħol jista' jsir billi ssir applikazzjoni għall-fondi ta' l-*U.I.F.* u li l-fondi bħalissa huma €422,000 pero' minn dan l-ammont iridu jitnaqqsu l-isjejjeż tal-bankini li x-xogħol tagħhom qed isir bħalissa.

Il-Kunsill qabel unanimament

## 8. Approvazzjoni ta' *Doggy Bins u Mobile Toilets*

### *8.1 Mobile Toilets*

Tressqu tlett kwotazzjonijiet għall-kiri ta' 2 *Mobile Toilets* fix-xatt tal-Gżira għall-perjodu minn 02.07.2013 sa 30.09.2013, li kienu:

Joe Bonnici & Sons - €1,089.73

Ramon Fenech - €751.66

Green Forever - €4,500.00

Wara diskussjoni qasira, l-kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman,* ssekondata mill-Kunsillier Victor Rutter li tintgħazel offerta Nru; 2 – jiġifieri dik ta' Ramon Fenech bi prezz ta' €751.66.

Il-Kunsill wasal għal din id-deċiżjoni peress li din kienet l-orħos offerta u l-kundizzjonijiet kienu jissodisfaw l-kriterji kollha ta' l-offerta.

### 8.2 *Doggy Bins*

Tressqu żewġ kwotazzjonijiet li kienu:

**SR Environmental Solutions**

| | |
|---|---|
| *wall mounted bins including installation x bin* | €147.62 |
| *bins on pole including installation x bin* | €187.22 |

**Green Skip Services Ltd**

| | |
|---|---|
| *Wall mounted plastic bins including installation* | €108.00 |
| *Plastic bins on pole including installation* | €127.95 |
| *Wall mounted metal bins including installation* | €172.00 |
| *Metal bins on pole including installation* | €191.95 |

*10% discount* jekk l-offerta tiġi milqugħa

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill kkonkluda li dawn il-kwotazzjonijiet huma wisq għoljin u għaldaqstant il-Kunsill għandu jagħmel riċerka dwar aktar kuntratturi li jissupplixxu dawn id-*doggy bins.*

**9. Diskussjoni dwar *extension* ta' *culvert* fi Triq Emanuele Giordano**

**9.1** Iċ-*Chairman* informa dwar problema ta' *flooding* fi Triq Emanuele Giordano. Huwa kompla jgħid li kien għamel kuntatt mall-Perit tal-Kunsill dwarha u l-Perit kien irrikkomanda li biex din tiġi eliminata għandhom isiru *culverts* ġodda li jisbukkaw għal dawk eżistenti fi Triq San Albert. L-istima għal dawn ix-xogħlijiet skont il-BOQ tal-Perit kienet tammonta għal €45,500 liema spiża tkun diffiċli biex toħroġ mill-allokazzjoni tall-Kunsill.

Għaldaqstant, iċ-*Chairman* ha l-inkarigu li jiddiskuti din il-problema mal-Ministru Joe Mizzi.

**10. Affarijiet Oħra**

**10.1** Tressqu erba' kwotazzjonijiet għax-xiri ta' *road marking paint* li kienu:

**Louis Coleiro**

| | |
|---|---|
| Safra – Bajda – Sewda x 20 ltrs/30kgs - | €104,04 VAT Inkluża |
| Thinner x 25 ltrs | €69.03 ‘’ |

**Sigma Coatings Malta Ltd**

| | |
|---|---|
| Bajda x 20 ltrs/30 kgs | €42.00 “ |
| Safra x 20 ltrs/30 kgs | €55.00 |
| Thinner x 20 ltrs | €43.50 |

**Koptasin**

| | |
|---|---|
| Safra u bajda x 30 kgs | €78.00 |
| Thinner x 25 kgs | €46.00 |

Less 5% C/M fee on final bill

**S&R Handaq**

| | |
|---|---|
| Safra – Bajda – Sewda @ €1.95 per kg x 30 kgs | €58.50 |
| Thinner @ €1.56 per kgs x 25 kgs | €39.00 |

Wara diskussjoni qasira l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Charles Micallef St John li għandha tinxtara konsenja żgħira mingħand id-ditti *Sigma Coatings Malta Ltd* u *S&R Handaq* u mingħand il-*Koperattiva Koptasin* sabiex b'hekk jiġi indikat liema tkun l-aħjar zebgħa

**10.2** Tressqet talba mid-ditta *Dory House Distribution* sabiex jingħata l-permess biex titqiegħed *a historical style carriage* biex jattira t-turisti f'post li jindika l-Kunsill sabiex minnha jsir bejgħ ta' kafe, ġelati u *fruit juices*.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament li ma japprovax din it-talba minħabba li ma jidhirx li l-Kunsill huwa l-awtorita' liċenzjanti kompetenti skont il-liġi.

**10.3** Il-Kunsillier Victor Rutter staqsa jekk kienux saru żviluppi dwar il-monti.

Iċ-*Chairman* informa li kellu kuntatti ma' diversi kunsilli li jakkomodaw il-bejjiegħa tal-monti fil-lokalita tagħhom. Dawn kollha lmentaw dwar diversi nuqqasijiet fosthom ħmieġ, u problema ta' parkeġġ.

Wara diskussjoni l-Kunsill iddeċieda li din il-materja għandha tiġi diskussa aktar 'l quddiem.

## 11. Laqgħa Oħra

**11.1** Peress li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fis-7.10 p.m. u ġiet aġġornata għas-7 t'Awwissu 2013 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| Roberto Cristiano | Hugh Zammit |
| Sindku | A/Segretarju Eżekuttiv |

**Kunsill Lokali: Il-Gzira** Skeda Nru: **Klg6/17**

## Skeda tal-Hlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Laqgħa Klg6/17 - 02.07.2013** **Data:** **21.05.2013 - 02.07.2013**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | GO plc | €25.03 | €25.03 | D | Tel 21341616 - calls April rent May 2013 | 09.05.2013 | 32353603 | 722 | | | 8371 |
| 2 | GO plc | €67.55 | €67.55 | D | Tel 21322157 Calls April rent May 2013 | 09.05.2013 | 32354116 | 723 | | | 8372 |
| 3 | GO plc | €68.24 | €68.24 | D | Tel 334254/341034 Calls April rent May 2013 | 09.05.2013 | 32353598 | 724 | | | 8373 |
| 4 | Alfa Co. Ltd | €97.21 | €97.21 | D | Copies & Rentals 13.10.2012 - 12.11.2012 | 07.12.2012 | 90113 | 725 | | | 8375 |
| 5 | Alfa Co. Ltd | €72.90 | €72.90 | D | Copies & Rentals 01.11.2012 - 30.11.2012 | 30.11.2012 | 90115 | 725 | | | 8375 |
| 6 | Squire Bookshop | €23.38 | €23.38 | D | Stationery | 24.05.2013 | 9659 | 726 | | | 8427 |
| 7 | Alfa Co. Ltd | €133.31 | €133.31 | D | Copies & Rentals 01.04.2013 - 30.04.2013 | 30.04.2013 | 30002588 | 727 | | | 8428 |
| 8 | Alfa Co. Ltd | €153.56 | €153.56 | D | Copies & Rentals 13.03.2013 - 12.04.2013 | 30.04.2013 | 30002587 | 727 | | | 8428 |
| 9 | Joe Bugeja & Associates | €433.04 | €433.04 | T | Arch Services Jan - April 2013 | 20.05.2013 | RFP 1166 | 728 | | | 8429 |
| 10 | Ray Abela Associates Ltd | €75.11 | €75.11 | D | Distribution of TcTc IKIDS course leaflets | 17.05.2013 | 31 | 729 | | | 8464 |
| 11 | Perm Sec-Ministry Tourism | €100.00 | €100.00 | D | Advert m/Indep. GLCT001&GLCT002/2013 | 13.03.2013 | | 730 | | | 8380 |
| 12 | Sound Vision & Print Ltd | €88.03 | €88.03 | D | Advert Locality Call - Kullhadd | 23.05.2013 | KH13/04/14 | 731 | | | 8431 |
| 13 | The Toolbox | €36.72 | €36.72 | D | Maint of Bollards & U shape barriers | 17.05.2013 | 11890 | 732 | | | 8430 |
| 14 | The Toolbox | €55.65 | €55.65 | D | Maint Locality | 28.05.2013 | 11908 | 732 | | | 8430 |
| 15 | Melita plc | €326.44 | €326.44 | D | Rent & Usage tel 27013021 & Internet 08.05.2013 - 07.06.2013 | 08.052013 | 34042511 | 733 | | | 8381 |
| 16 | EcoPure | €16.99 | €16.99 | D | Consumables Adm Office | 28.05.2013 | 544767 | 734 | | | 8456 |
| 17 | EcoPure | €12.74 | €12.74 | D | Consumables Adm Office | 17.06.2013 | 546454 | 734 | | | 8432 |
| 18 | ARMS Ltd | €95.97 | €95.97 | D | Act Centre 23.02.2013 - 10.04.2013 | 09.05.2013 | 16831498 | 735 | | | 8433 |
| 19 | Environmental L/Scapes Con. | €2,214.29 | €2,214.29 | T | Maint of Soft Areas - May 2013 | 31.05.2013 | 009730 | 736 | | | 8434 |
| 20 | Squire Bookshop | €68.90 | €68.90 | D | Newspapers - May 2013 | 01.06.2013 | 951 | 737 | | | 8435 |
| | **Sub Total c/f** | **€4,165.06** | **€4,165.06** | | | | | | | | |
| | **Total** | **€4,165.06** | **€4,165.06** | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

**Kunsill Lokali: Il-Gzira** Skeda Nru: **Klg6/17**

## Skeda tal-Hlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Laqgha Klg6/17 - 02.07.2013** **Data:** **21.05.2013 - 02.07.2013**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | Ghaqda Mużikali M. Carmel | €70.00 | €70.00 | D | Avviż lir-Residenti - fuljett festa | 05.05.2013 | | 738 | | | 8391 |
| 22 | G4S Security Serv Malta Ltd | €123.90 | €123.90 | D | Cash in Transit - May 2013 | 31.05.2013 | GS007593 | 739 | | | 8436 |
| 23 | IBIS Group Ltd | €41.23 | €41.23 | D | problem with Melita phone line | 31.05.2013 | 4474 | 740 | | | 8437 |
| 24 | C.S.D. Office Trade | €57.23 | €57.23 | D | Trolley | 13.06.2013 | 44325 | 741 | | | 8438 |
| 25 | GO plc | €45.22 | €45.22 | D | Tel 322157 Calls May - Rent June 2013 | 17.06.2013 | 33093904 | 742 | | | 8422 |
| 26 | GO plc | €21.64 | €21.64 | D | Tel 341616 Calls May - Rent June 2013 | 17.06.2013 | 33093401 | 743 | | | 8423 |
| 27 | GO plc | €69.84 | €69.84 | D | Tel 334254/341034 Calls May - Rent June 2013 | 17.06.2013 | 33093396 | 744 | | | 8424 |
| 28 | Alfa Co. Ltd | €80.29 | €80.29 | D | Copies & Rentals 13.04.2013 - 12.05.2013 | 31.05.2013 | 30003041 | 745 | | | 8439 |
| 29 | Alfa Co. Ltd | €69.28 | €69.28 | D | Copies & Rentals 01.05.2013 - 31.05.2013 | 31.05.2013 | 30003042 | 745 | | | 8439 |
| 30 | Arcidiacono Doall Co. Ltd | €379.13 | €379.13 | D | 2 Typist Chairs | 19.06.2013 | 1363 | 746 | | | 8440 |
| 31 | Mr Emanuel Mifsud | €5,590.50 | €5,590.50 | T | Door to Door Collection June 2013 | 30.06.2013 | 80 | 747 | | | 8441 |
| 32 | Mr Emanuel Mifsud | €432.87 | €432.87 | T | Skip Hire June 2013 | 30.06.2013 | 81 | 748 | | | 8442 |
| 33 | Mr Emanuel Mifsud | €836.06 | €836.06 | T | Public Convenience - June 2013 | 30.06.2013 | 82 | 749 | | | 8443 |
| 34 | Mr Emanuel Mifsud | | | T | Bulky Refuse May - | 30.06.2013 | 83 | 750 | | | 8444 |
| 35 | Ms Alexandra Galea | €375.00 | €375.00 | K | Crafts Lessons - June 2013 | 30.06.2013 | 44 | 751 | | | 8426 |
| 36 | C.S.D. Office Trade | €68.85 | €68.85 | D | A4 Copy Paper | 13.06.2013 | 44324 | 752 | | | 8445 |
| 37 | Alfa Co. Ltd | €5.50 | €5.50 | D | Eco Tax for Toners | 29.04.2013 | 10001562 | 753 | | | 8446 |
| 38 | JJ&JM Co Ltd | €250.97 | €250.97 | D | Consumables/Utilities Feb-Mar-Apr-May Office-Library/Act Ctr | 30.06.2013 | | 754 | | | 8447 |
| 39 | Parish Priest Gżira | €135.00 | €135.00 | D | Avviż lir-Residenti - fuljett festa | 25.06.2013 | | 755 | | | 8463 |
| 40 | Dr Ed Woods | €494.76 | €494.76 | T | Legal Services April-May-June 2013 | 30.06.2013 | | 756 | | | 8457 |

| | | |
|---|---|---|
| **Sub Total c/f** | **€9,147.27** | **€9,147.27** |
| **Sub Total b/f** | **€4,165.06** | **€4,165.06** |
| **Total** | **€13,312.33** | **€13,312.33** |

Sindku Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier Kunsillier

**Kunsill Lokali: Il-Gzira** Skeda Nru: **Klg6/17**

## Skeda tal-Hlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Laqgħa Klg6/16 - 02.07.2013** **Data:** **21.05.2013 - 02.07.2013**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | Melita Plc | €274.04 | €274.04 | D | Usage & Internet 08.06.2013 - 07.07.2013 | 08.06.2013 | 34196296 | 757 | | | 8425 |
| 42 | WasteServ Malta Ltd | €4,064.39 | €3,470.42 | D | Allocated MSW Waste - May 2013 | 15.06.2013 | 037296 | 758 | | | 8455 |
| 43 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €20.83 | €20.83 | T | Job No: 12404 Road Markings | 28.05.2013 | 18042 | 759 | | | 8449 |
| 44 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €121.02 | €121.02 | T | Job No: 12403 Road Markings | 28.05.2013 | 18043 | 760 | | | 8450 |
| 45 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €71.56 | €71.56 | T | Job No: 12402 - Road Markings | 27.05.2013 | 18044 | 761 | | | 8451 |
| 46 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €111.35 | €111.35 | T | Job No: 18045 Road Markings | 27.05.2013 | 18045 | 762 | | | 8452 |
| 47 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €85.89 | €85.89 | T | Job No: 12455 Road Markings | 21.06.2013 | 18093 | 763 | | | 8453 |
| 48 | SRF Cleaning Services | €378.52 | €378.52 | T | Street Sweeping on Sundays - May 2013 | | | 764 | | | 8497 |
| 49 | SRF Cleaning Services | €4,588.85 | €4,588.85 | T | S/Sweeping - G/Cutting - May 2013 | | | 765 | | | 8498 |
| 50 | SRF Cleaning Services | €378.52 | €378.52 | T | Street Sweeping on Sundays - June 2013 | | | 766 | | | 8499 |
| 51 | SRF Cleaning Services | €4,588.85 | €4,588.85 | T | S./Sweeping - G/Cutting - June 2013 | | | 767 | | | 8500 |
| 52 | Squire Bookshop | €70.00 | €70.00 | D | Newspapers - May 2013 | 29.06.2013 | 1003 | 768 | | | 8454 |
| 53 | TcTc | €1,150.00 | €1,150.00 | | IKIDS Computer Course | **Cancelled** | | | | | cancelled |
| 54 | Gzira Local Council | | | | Honoraria | | | | | | |
| 55 | Gzira Local Council | | | | Wages | | | | | | |
| 56 | | | | | | | | | | | |
| 57 | | | | | | | | | | | |
| 58 | | | | | | | | | | | |
| 59 | | | | | | | | | | | |
| 60 | | | | | | | | | | | |

| | | |
|---|---|---|
| **Sub Total c/f** | **€15,903.82** | **€15,309.85** |
| **Sub Total b/f** | **€13,312.33** | **€13,312.33** |
| **Total** | **€29,216.15** | **€28,622.18** |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier